# Malta kienet bagħtet ukoll Ambaxxatur għall-Konċilju ta' Trento

*Ta'* Jos. Galea

FGĦELUQ l-erba' mitt sena mindu kien sar il-Konċilju ta' Trento, bosta kienu l-kittieba, ħbiebna, li fakkru l-ġrajjiet, l-istorja sħiħa, u r-riżultat ta' dak li kien sar fil-laqgħat tal-Konċilju. Saru konferenzi, taħditiet fuq ir-Rediffusion, il-ġurnali mtlew b'artikoli, tqassmu u nbiegħu kotba, iżda, ħadd minnhom ma kien semma 'l Malta; ħadd ma ġietu l-kurżità li jfittex u jistudja jekk din il-gżira tagħna kellhiex sehem fil-Konċilju jew għallinqas kenitx issemmiet. Donnu li ma għadx baqa' studjużi ta' l-istorja Maltija, jew ma hawnx namra biżżejjed biex igħarblu ftit il-bosta dokumenti li għandna fl-Arkivju, il-wirt nazzjonali tagħna!

Il-mewġa tar-riforma kienet għarrqet u ħakmet l-artijiet ta' Franza, il-Ġermanja u l-Ingilterra u kienet għoddha laħqet il-qalba ta' Ruma wkoll.

Saħansitra fiċ-ċkejkna Malta kien beda jinħass xi ftit il-Luteraniżmu. Ara kemm hu hekk li l-Gran Mastru D'Homedes kien laqqa' l-Kunsill ta' l-Ordni tal-Kavalieri dwar daqshekk. Id-dokument, iffirmat mill-kanċellier Jo. Otho Bosio, maħruġ minn Sant'Anġlu nhar il-4 ta' Mejju, 1544, jinsab f'wieħed mill-volumi manuskritti tal-Katidral (1). Ġew nominati erba' kummissarji biex *diligenter inquirant veritatem, testes examinant...* u jirriferixxu kollox lill-Kunsill.

Kien żmien li kien jeħtieġ riforma f'kollox.

Għalhekk bdiet tinħass ukoll li l-knisja ddur dawra magħha stess u taqleb kemmxejn maż-żmenijiet. Il-Papa Piju III, magħruf fl-istorja bħala statista għaqli, beda biex jaħseb u jwieġeb għall-ispirtu tal-għajta għal bidla u riforma. Għaldaqshekk ħareġ bolla, *Laetare Hierusalem*, bis-siġill taċ-ċurkett ta' San

(1) Arkivju Kattidral, Ms. K. iij, Differenze Giurisditionali coll'Inquisitore di Malta, f. 3. Katalogu Galea 45.

Pietru fid-19 ta' Novembru, 1544, u sejjaħ konċilju li kellu jiltaqa' fi Trento (2).

Il-papat ma' tul il-milja taż-żmenijiet li għadda minnhom, kien ġabar u ħa esperjenza ġmielha dwar kif aktar tissaħħaħ u tingħaqad il-Knisja bħala riżultat tal-laqgħat tal-konċilji.

Il-Konċilju ta' Trento jinqasam f'żewġ sezzjonijiet. Ma' tul l-ewwel sezzjoni tal-laqgħat kien hemm dewmien u diffikultajiet mhux żgħar. Bosta mid-delegati li kienu mistennija jieħdu sehem fih ma kinux marru għal-laqgħat, u għalhekk kellhom iħallu kull darba l-laqgħat minn xahar għal ieħor. It-tieni taqsima, wara dewmien ta' għaxar snin, bdiet sewwa sew meta laħaq Papa Piju IV (de Medici, 1559-65), li kien magħruf sew bħala enerġiku, għaqli u qaddis. F'għajnejn il-ħakkiema u s-slaten ta' l-Ewropa Piju IV ma kienx imgħoddi bħal dawk ta' qablu; la kien politiku, ma kienx *war-monger* u lanqas nepotista (3).

Ara kemm hu hekk li l-papat kien daħal fl-arena espost għal bosta perikoli ta' firda, ta' qawmien, u kritika, u ħareġ rebbieħ fuq kollox u fuq kulħadd.

Il-Papa Piju IV kien bagħat kopja awtentika tal-Bolla *Laetare* bid-data tas-7 ta' Novembru, 1561, minn Ruma, lill-Gran Mastru de Valete. Magħha l-Papa kien kiteb ukoll ittra minn idejh fejn wera x-xewqa tiegħu biex l-Ordni tibgħat ambaxxatur għall-Konċilju (4). Milli jidher ma kenitx l-ewwel darba li l-Papa kien stieden lill-Ordni. Jew għal raġuni jew oħra ma kenux niżżlu tagħrif fir-reġistri dwar din l-istedina .Nafu biss li Bosio, kittieb tal-ġrajjiet ta' l-Ordni, kien qal li meta l-Papa kiteb dik l-ittra ġara li

> ...*che per questo haveva giudicato di non dover tardare più ad esortarlo, che mandar vi volesse alcun ambasciatore...* (5).

Il-Bolla u l-ittra nqraw fil-laqgħa tal-Kunsill li sar f'Sant'Anġlu fid-29 ta' Diċembru, 1561. Wara diskussjoni ġmielha,

---

(2) A Manual of Councils of the Holy Catholic Church, London, 1909, 2 vols.

(3) Droysen: Geschichte der Gegenreformation, 1893.

(4) Bosio: Historia della Sacra Religione dell'Illustre Milizia di S. Giovanni Gerosolimitan, Roma 1594-1602, 2 vols.

(5) ibidem, lib. iij, p. 453.

il-membri qatgħu għalenija li jibagħtu erba' kavalieri ta' l-Ordni bħala ambaxxaturi. Ġew magħżula fra Giuseppe Cambiano Ruffo, li kien Riċevitur u Prokuratur ġenerali f'Ruma; il-Kommendatur de Beauois en Gatinois; fra Nicolao Durant Villegaignon, u l-viċi kanċellier fra Martino Royas (6).

Iżda ż-żmenijiet li kienet għaddejja minnhom Malta dik il-ħabta, fixklu dawk it-thejjijiet meħtieġa li soltu jsiru kull meta kienet tinbagħat xi ambaxxata. Is-sensiela ta' ġrajjiet imwiegħra li bdew jaħkmu din il-Gżira ġagħlu saħansitra lill-awtoritajiet tal-Kavalieri jaħsbu biex jitilqu Malta.

Il-Gran Mastru de Valete kien bagħat wieħed ambaxxatur, Guimarens, għand ir-Re ta' Spanja, bl-inkarigu segriet li jitlob il-gżira ta' Korsika flok ma jibqgħu f'Malta (7).

Il-ftehim li kien twettaq bejn Spanja, il-Papa, Ġenova u l-Ordni ta' Malta fl-1559, donnu sab xkiel mill-bidu. Fi Frar, 1560, wara li kienu rebħu Ġerba, huma u jerġgħu lura lejn djarhom, il-flotta ġiet attakkata miġ-ġfien Torok u mteġġgħa tidħol f'bajja fejn għadd kbir tax-xwieni insara marru l-art u ħafna nkaljaw (8). Aktar tard, Ġerba stess reġgħet intilfet, u fost il-baħħara nsara beda jinħass il-ġuħ, u xtered il-mard ukoll fost ħafna kavalieri.

Ma' dan wasal ukoll l-aħbar li Sulejman kien qed iħejji l-flotta tiegħu, u kien qed jiġbor in-nies f'armata qawwija, biex jeħles darba għal dejjem mill-Ordni ta' San Ġwann.

Il-Kummissarji li ġew magħżula biex imorru fi Trento ħassru kollox u mar biss il-kavalier Villegaignon. Ismu hu mfakkar lilna billi ftit snin ilu semmew waħda mit-toroq ta' l-Imdina f'ġieħu.

F'Marzu tas-sena 1562 sar terremot qawwi u ġarraf bosta djar fl-inħula tagħna. Il-maltempijiet li għamlu aktar tard kienu ħaqru wisq l-egħlieqi, u x-xtajtiet ġarrbu ħsarat kbar. Nafu li xi wħud mix-xwieni ta' l-Ordni ankrati fid-daħliet tal-port ġarrbu ħsarat, u l-*Karrakka* nqatgħet minn lokha u baqgħet dieħla fil-bajja ta' Rinella fejn inkaljat fir-ramel.

---

(6) Ark. Ordni, Ms. Vol. 91 *Liber Concilium*.

(7) Marterini: Storia Politica e Militare del Sov. Ord. di San Giovanni, vol. 2, p. 64. Ark. Ordni, Vol. 427.

(8) Rossi: Storia della Marina dell'Ordine di San Giovanni, Roma 1926; u Bosio, op. cit., libro iij, p. 407 e seq.

Dak ix-xahar stess il-Papa reġa' kiteb lil Cambiano f'Ruma u fost kollox għarraflu li

> ...*che desiderava in ogni modo, che quanto prima mandato havesse al detto Concilio alcun ambasciatore* ...

L-Ordni, wara dat-tagħrif li kien wasal il-Birgu, reġa' qabbad lil Cambiano biex imur għall-Konċilju.

Bilfors kien hemm xi ħaġa li kienet qed iżżomm u tfixkel din l-ambaxxata!

Meta wasal Cambiano fi Trento qam ftit inkwiet dwar kif u fejn kellu joqgħod dan l-ambaxxatur ta' l-Ordni ta' San Ġwann L-ambaxxatur ta' Bologna f'Ruma, Vincenzo Campeggio, ried li jieħu l-preċedenza fuq dak ta' l-Ordni, għax kif qal hu, kellu aktar setgħa u kien aqwa fil-ġerarkija minn Cambiano. Meta wasal ir-rapport u l-protesta għand il-Papa, Piju IV ħareġ degriet bid-data tas-16 ta' Mejju, 1562, fejn ordna li l-ambaxxatur ta' Malta kellu jieħu preċedenza fuq l-ambaxxatur ta' Bologna. Id-dokument jinsab fl-Arkivju tagħna (9), u iffirmat mill-Kardinali Truches, ta' Augusta; minn Cicala, Kardinal ta' San Klement, u Sforza, Kardinal ta' Santa Fiore, kamerlengo tal-Knisja.

Il-Papa sadattant wera xewqa kbira li jintemm il-Konċilju. Niftakru li l-ewwel laqgħa li kienet saret tal-Konċilju kienet fil-15 ta' Marzu, 1545, u kien tabilħaqq jeħtieġ li wara daqshekk żmien jaslu f'xi riżultat.

Fil-laqgħa tal-Kunsill li saret din il-ħabta, il-Gran Mastru reġa' nkariga lil Royas bħala ambaxxatur, biex jitlaq minnufih waħdu jew ma' xi ħadd ieħor, għal Trento. Il-Kunsill ta l-istruzzjonijiet li kellu jaqdi Royas, u de Valete kiteb ittra sabiħa lil *Padri del Concilio*, indirizzata mill-Birgu nhar l-14 ta' Novembru, 1562.

Royas telaq minn Malta fit-30 ta' Diċembru ta' l-istess sena fuq ix-xini msejħa *La Patrona* taħt il-kmand tal-kaptan fra Gaspare de la Motte li wasslitu sa Saragossa. Imbagħad minn hemm rikeb ix-xini *San Gabriello*, taħt il-kmand tal-kaptan fra Gil D'Andrada, sa Napli.

Il-laqgħat li kellu Royas meta wasal fil-Konċilju kienu tassew laqgħat li kienu jistħoqqu lil dawk il-kavalieri li kienu wettqu għeġubijiet fit-taqbid li kellhom mal-għadu tas-Salib ma' tul

(9) Ark. Ordni, Ms. Vol. 6420 *Miscellanea*.

ħames mitt sena ta' storja tagħhom. Royas ħa postu "*fra gli ambasciatori ecclesiastici dei Principi*", u kull membru li kien ħa sehem f'dawk il-laqgħat, kollha tħabbew ma' Royas, kollha għarfu fih rappreżentant ta' l-ewlenin qalbiena nsara.

Il-Kardinal de Lorena, dixxendent ta' Goffredo de Buglione, u ħu l-Gran Prijur ta' Franza, introduċa lil Royas quddiem dawk il-prelati, u għamel diskors qawwi favur l-Ordni tal-Kavalieri ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, issa magħrufa ta' Malta. Wara tkellem Royas, u Monsinjur Angelo Massarello, Isqof ta' Tilesio, iffirma u issiġilla biċ-ċurkett tiegħu dik l-orazzjoni li kien għamel Royas f'dik il-laqgħa (10).

Din ukoll tinsab fl-Arkivju tagħna, il-Bibljoteka.

Meta għalqu l-laqgħat tal-Konċilju, fl-1563, Royas reġa' lura lejn Malta: wasal fil-port fil-20 ta' Frar, 1564. Imbagħad kellu jagħti relazzjoni ta' kull ma għamel u x'sar fil-Konċilju quddiem il-Gran Mastru u l-Kunsill.

B'riħet din l-ambaxxata isem Malta ssemma fl-aqwa Konċilju li kellha l-Knisja, u isem din iċ-ċkejkna gżira li laqgħet fi ħdanha dawk il-Kavalieri ta' San Ġwann għal 268 sena, xtered mad-dinja kif iddur l-istess bħalma l-Isqof ta' Malta kien ħa sehem f'Konċilju ieħor, dak ta' Efeso fis-sena 351 A.D.

---

## SEJĦA LILL-MEMBRI

**Jisgħobbina li mħabba n-nuqqas tal-wisa' kellna nħallu barra xi proża u xi poeżiji li nbagħtu għal "IL-MALTI".**

**Ninqdew b'din iċ-ċirkustanza biex bil-ħrara kollha nitolbu lill-Membri tagħna jħajru lil ħbiebhom u nies oħra JISSIEĦBU f'"IL-MALTI" biex b'hekk għallinqas inkunu nistgħu nżidu fin-numru tal-paġni ta' din ir-Rivista. Niftakru illi l-lum l-istampa u l-karta għoliet mhux ftit u bil-kemm qegħdin inlaħħqu ma' l-ispejjeż li għandha l-"Għaqda".**

**Biex ngħinu l-Kaxxa biħsiebna, għalhekk ukoll, niftħu 'sottoskrizzjoni' minn Membri li jixtiequ jgħinu b'xi għati ta' flus ta' mhux inqas minn 5/-. Kull ammont li jingħata sa jidher fil-LISTA TAL-MEMBRI SOSTENITURI li biħsiebna nxandru fil-ħarġa ta' "IL-MALTI" ta' għeluq Marzu, 1948.**

**Tisħib f'"IL-MALTI" u kontribuzzjonijiet ta' flus għandhom jintbagħtu lill-Kaxxier, is-Sur VICTOR APAP, 150, Triq it-Torri, Tas-Sliema.**